Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 119/2013/1

**Mark Cutajar**
**(appellat)**

**Vs**

**Transport Malta**
**u b'digriet tas-7 ta' Frar 2014 isem l-Awtorità intimata ġie sostitwit b' Awtorità għat-Trasport f'Malta**
**(appellanti)**

29 ta' Marzu, 2019.

1. **Dan huwa appell tal-Awtorità intimata minn sentenza tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fis-27 ta' Settembru 2016 li rrevokat deċiżjoni tal-Awtorità fil-konfront tar-rikorrent, li huwa liċenzjat bħala VRT *tester*. L-Awtorita' skont regolament 14 u 21 tar-*Regolamenti dwar Testijiet biex jiċċertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba għat-Triq* (L.S. 65.15), ippenalizzat lir-rikorrent 20 punt għall-infrazzjoni numru 29 li tinsab fit-Tnax-il Skeda tal-imsemmija regolamenti, ossija, talli njora ħsara fil-*half shaft bellows* meta eżamina l-vettura EAD 537 Isuzu L200 u ċċertifika li l-istess kienet tajba għat-triq meta skont l-Awtorità intimata ma kinitx.**

2. Mill-atti jirriżulta li:-

2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2013, ir-rikorrent ilmenta dwar avviż li irċieva mingħand l-Awtorità appellata datat 16 ta' Mejju 2013 u li bih infurmatu li kien qiegħed jiġi ppenalizzat 20 punt minħabba l-irregolarità msemmija fl-istess avviż (anness u mmarkat **Dok A**). Ikkontenda illi minn ċirkostanzi ta' natura fattwali u teknika għandu jirriżulta li n-nuqqas li kellha l-vettura in kwistjoni kienet waħda reċenti kawżata minn fatturi esterni u mhux per konsegwenza ta' *wear and tear* u

għalhekk, għalkemm tali nuqqas instab fl-ispezzjoni li saret fil-15 ta' Mejju 2013, l-istess nuqqas ma kienx preżenti meta fit-8 ta' Mejju 2013 eżamina l-vettura. Talab għalhekk lit-Tribunal jordna r-revoka *in toto* tad-deċiżjoni meħuda mill-Awtorità intimata fis-16 ta' Mejju 2013.

2.2. L-Awtorità appellanti, filwaqt li ppuntwalizzat li isimha għandu jaqra' '*Awtorità għat-Trasport f'Malta*' mhux '*Transport Malta*', wieġbet[1] illi l-pretensjonijiet tar-rikorrent huma nfondati u t-talba għandha tkun miċħuda għaliex id-deċiżjoni li ħadet hi legali u ġusta, u ttieħdet wara indaġni li saret bl-akbar responsabbiltà. Mil-lat tekniku wieġbet li mhux fattibbli li l-*bellow* tqattgħat bejn it-8 ta' Mejju 2013, meta sar it-*test* tal-VRT u l-15 ta' Mejju 2013, meta saret l-ispezzjoni minnha, kif allegat mir-rikorrent.

2.3. B'sentenza mogħtija fis-27 ta' Settembru 2016 it-Tribunal laqa' t-talba tar-rikorrent u ħassar id-deċiżjoni tal-Awtorità intimata.

3. Minn dik is-sentenza appellat l-Awtorità għat-Trasport f'Malta. Sostanzjalment tilmenta mill-apprezzament tal-fatti żvolt mit-Tribunal fid-dawl tal-fatt li huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza li l-oneru tal-prova ta' x'kienet is-sitwazzjoni reali dakinhar tal-VRT test u ta' x'effettivament ġara bejn il-*VRT test* u l-*post VRT inspection* jinkombi fuq ir-rikorrent mhux fuq l-Awtorità.

4. L-appellat ma weġibx bil-miktub iżda deher assistit quddiem din il-Qorti fl-udjenza tal-25 ta' Frar 2019. Wara li l-Qorti semgħet il-partijiet, il-każ tħalla għas-sentenza.

**Konsiderazzjoni.**

5. Permezz tal-aggravju tagħha l-Awtorità appellanti tilmenta mill-fatt li t-Tribunal ma seta' qatt jasal biex jilqa' l-appell tar-rikorrent Mark Cutajar għaliex fil-fehma tagħha ma kienx kredibbli u jirriżula ċar li kien qiegħed jigdeb. Issostni li għalkemm kien hemm tentattiv biex tiġi orkestrata x-xhieda ta' sid il-vettura biex taqbel mat-teżi tiegħu, tfixklu fis-semantika bejn il-kelma '*xlief*' u '*ħuxlief*' u li '*minkejja dan it-Tribunal aċċetta li jiġi taken for a ride u laqa' l-appell tar-rikorrent.*' Tikkontendi li la xlief u tant anqas ħuxlief, li hija sempliċement ħaxixa ħażina, ma jistgħu iqattgħu *bellow* magħmula minn materjal iebes u reżiljenti. Tiddikjara ruħha ukoll aggravata mill-'*kunsiderazzjoni prinċipali*' magħmula mit-

[1] Fol. 5

Tribunal fejn iċċensura l-mod kif l-uffiċjali tagħha kkonduċew il-*post VRT inspection* għaliex il-vettura ma ttellgħatx fuq ġakk, meta jirriżulta li tali kunsiderazzjoni hija superfluwa u rrilevanti ladarba m' hemmx kontestazzjoni li l-*bellow* kien verament imqatta' meta sar il-*post VRT inspection*. Tikkontendi inoltré li t-Tribunal uża riga żbaljata għaliex, hekk kif deċiż mill-istess Tribunal diversament kompost f' kawża oħra, l-oneru tal-prova kien fuq ir-rikorrent u mhux fuqha. Tisħaq li fil-każ odjern ir-rikorrent ma ssodisfax l-oneru probatorju li kien jinkombi fuqu u l-appell tiegħu qatt ma kellu jiġi milqugħ.

6. Għal dak li jirrigwarda l-apprezzament tal-provi, hu magħruf li din il-Qorti ma tiddisturbax leġġerment id-diskrezzjoni tat-Tribunal fl-evalwazzjoni tal-provi. Madanakollu, meta din il-Qorti tkun konvinta li tkun ser tiġi kaġonata inġustizzja manifesta, hi għandha, b'dover, l-obbligu li tissindika dak l-apprezzament u anké tasal għal konkluzjoni diversa minn dik li tkun waslet għaliha l-qorti ta' l-ewwel grad.[2] Dan m'huwiex il-każ fl-appell in diżamina.

7. Il-motivazzjoni fis-sentenza appellata hi s-segwenti:

> *' ... ghalhekk mir-riassunt tax-xhieda kollha mismugha jirrizulta illi l-pern tal-kwistjoni huwa jekk mid-data tal-VRT li sar fit-8 ta' Mejju 2013 sad-data tal-post VRT li sar fil-15 ta' Mejju 2013 setghax saret xi hsara lill-bellow in kwistjoni tant li l-istess bellow ma baqghatx tajba biex isservi l-funzjoni taghha, jew inkella jekk l-istess bellow kinitx diga fl-istat li sabuha fih l-ufficjali tal-Awtorità intimata meta sar il-VRT mir-rikorrent.*
>
> *Illi ai termini ta' Partita 29 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni 65.15 (Regolamenti Dwar Testijiet Biex Jiccertifikaw Li Vetturi Bil-Mutur Huma Tajba Ghat-Triq) jekk il-persuna responsabbli mit-test tal-VRT "tinjora hsara fil-half shaft bellows" tigi penalizzata b'ghoxrin (20) punt ta' penali.*
>
> *Illi minn harsa lejn artikolu 2.5 tal-manwal tal-VRT dan jistabilixxi illi "a. A constant velocity joint gaiter missing or excessively damaged, deteriorated or insecure to the extent that it would no longer prevent the ingress of dirt etc." huwa raguni biex vettura ma tghaddix mit-test. Illi skond l-istess manwal sabiex issir spezzjoni tax-xaft tar-roti ta' quddiem il-vettura ghandha titella' fuq jack.*
>
> *Illi dan it-Tribunal japprezza illi t-teknici tal-Awtorità intimata stqarru li l-bellow kienet tidher vizwalment imqatta' anke meta wiehed jitbaxxa u jhares lejha, pero` ma jistghax ma jishaqx, kif diga ghamel f'sentenzi ohra, illi jekk l-Awtorità tistenna li l-VRT testers jaghmlu xogholhom skond il-manwal, daqstant iehor ghandhom it-teknici taghha jadoperaw l-istess metodi biex huma jispezzjonaw vettura. Huwa minnu li bhala fatt it-teknici hadu wkoll ritratt a tempo vergine tal-bellow in kwisjtoni, pero` dan ma jezonarahomx milli huma stess jimxu mal-procedura stabbilita fl-istess manwal.*
>
> *Illi maghmula din l-osservazzjoni, it-Tribunal issa jrid iwiezen zewg verzjonijiet dijametrikament opposti u dan ghaliex filwaqt li r-rikorrent u x-xhieda prodotti*

[2] ***Pirotta Rita vs Carbonaro Simon***, Qorti tal-Appell Inferjuri, 17.11.2004

*minnu qed jghidu li kien hemm huxliefa fil-bellow, it-teknici tal-Awtorità intimata stqarru li ma raw l-ebda huxliefa fl-istess bellow.*

*Illi t-Tribunal fela sew ix-xhieda moghtija mir-rikorrent li ghall-ewwel stqarr li mal-bellow kien qabad ix-xlief tas-sajd "xlief tas-sajd litteralment kien." Michael Pace, sid il-vettura in kwisjtoni, ma qal xejn dwar xlief jew huxlief fl-ewwel xhieda tieghu. Kien biss meta gie riprodott mir-rikorrent illi huwa qal li dak li nstab mal-bellow kien huxlief. Illi mbaghad in kontro-ezami r-rikorrent mistoqsi jekk bellow titqattghax bil-huxlief huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi jindika fejn kien il-huxlief fir-ritratti li huwa stess esebixxa jghid li l-huxlief kien qieghed gewwa mal-grease peró l-bellow ma tqattghatx bih u li ma kienx jaf biex tqattghat.*

*Illi mbaghad min-naha l-ohra it-Tribunal ghandu x-xhieda ta' zewg ufficjali tal-Awtorità intimata li cahdu kategorikament li kien hemm xi huxlief fil-bellow. Illi sfortunatament, il-kopja tar-ritratt mehud a tempo vergine mill-ufficjal tal-Awtorità intimata Clayton Zerafa u esebita a fol. 67, hija sewda u bajda u ghalhekk fuq gewwa tal-bellow, ghalkemm tidher car li hi maqsuma, ma tantx jidher car x'hemm fih. Peró zgur ma jidhirx xi huxlief hiereg minn go l-istess bellow.*

*Illi dan it-Tribunal fela sewwa kemm ir-ritratti esebiti mir-rikorrenti (Dok MC2 a fol. 20) u kif ukoll ir-ritratt mehud mill-ufficjali tal-Awtorità intimata (Dok JM1 a fol. 67) li juru l-bellow kif instabet wara li ezaminawha l-istess ufficjali.*

*Illi minn dawn ir-ritratti jidher grease mal-parti maqsuma tal-bellow. Meta wiehed jara din il-parti u jikkomparha mal-partijiet fil-vicin immedjat jista' josserva illi l-partijiet fil-vicin immedjat huma mimlijin hmieg. Ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal l-istess bellow ma kinitx ilha maqsuma xi zmien twil, ghaliex kieku kien hekk, kien johrog il-grease kollu u l-parti fejn hemm il-qasma kienet tigbor ukoll certu ammont ta' hmieg bhal ma hemm fuq il-kumplament tal-qiegh tal-vettura.*

*Illi dan it-Tribunal jishaq illi post VRT ghandu jsir immedjatament malli l-vettura tohrog mill-VRT station u dan sabiex ma jkunx hemm lok ta' allegazzjonijiet li l-hsarat riskontrati mill-ufficjali tal-Awtorità intimata setghu saru nel frattemp. It-Tribunal jirrileva illi meta tester jew persuna li jkollha licenzja biex topera VRT station tehel ammont determinat ta' penali hija tigi skwalifikata milli tkompli topera. Ghalhekk l-imposizzjoni tal-punti penali trid tittiehed b'serjetà massima u l-Awtorità intimata, fit-twettiq tal-poteri taghha, trid tara li tezercita dawk il-poteri b'tali mod li jkun hemm certezza li dak li jirrizultalha ikun imputabbli unikament lil min tkun se tippenalizza.*

*Fil-kaz odjern il-VRT sar fit-8 ta' Mejju 2013 u l-post VRT sar fil-15 ta' Mejju 2013. F'dak it-trapass ta' sebat (7) ijiem huwa possibbli li l-bellow inqasmet u beda hiereg il-grease. Illi huwa veru li kif inqasmet il-bellow mhuwiex daqshekk car pero` sa certu punt huwa rrilevanti. Dak li jrid jara dan it-Tribunal huwa jekk setghax kien possibbli o meno li l-istess bellow inqasmet fi zmien sebat (7) ijiem minn meta sar il-VRT. Illi, a kuntrarju ta' dak sottomess mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata, ir-ritratti mehuda wara l-post VRT jindikaw li l-bellow ma kinitx ilha li nqasmet tant li kien ghad hemm il-grease maghha. Li kieku kienet ilha li nqasmet kienet tigi kulur il-partijiet l-ohra tal-qiegh tal-vettura, u anke, possibilment, il-vettura kienet issirlha hsara peress li seta' jidhol fiha gebel u materjal iehor mit-triq.*

*Illi ghaldaqstant, in vista tal-indikazzjonijiet kollha illi l-bellow ma kinitx ilha li nqasmet u in vista li l-post VRT ma sarx tempestivament izda sebat (7) ijiem*

*wara li l-vettura giet spezzjonata mir-rikorrent, dan it-Tribunal ihoss li d-decizjoni tal-Awtorità intimata kienet wahda zbaljata u ghaldaqstant timmerita li tigi revokata.'*

8. Għalkemm huwa minnu li t-Tribunal irrimarka li meta sar il-*post VRT inspection* l-vettura in kwistjoni ma ttellgħetx fuq ġakk, kuntrarjament għall-proċedura li l-Awtorità appellanti tippretendi li jadoperaw it-*testers* waqt it-test tal-VRT, huwa manifest li din kienet biss rimarka *obiter* u **mhux** xi konsiderazzjoni prinċipali li fuqha kienet bażata s-sentenza.

9. Dak li effettivament jifforma l-bażi tad-deċiżjoni appellata huwa iżda l-konsiderazzjoni illi mir-ritratti eżebiti jidher il-*grease* mal-parti maqsuma tal-*bellow* filwaqt li l-partijiet tal-karozza l-oħra fil-viċin immedjat huma mimlijin ħmieġ. Dan wassal lit-Tribunal biex jikkonkludi li l-*bellow* in kwistjoni ma kinitx ilha maqsuma xi żmien twil, għaliex kieku kien hekk, kien joħroġ il-*grease* kollu u l-parti fejn hemm il-qasma kienet tiġbor ukoll ċertu ammont ta' ħmieġ bħal ma hemm fuq il-kumplament tal-qiegħ tal-vettura. Kien abbażi ta' din il-konsiderazzjoni, flimkien mal-fatt li l-*post VRT* ma sarx tempestivament iżda sebat ijiem wara li l-vettura ġiet spezzjonata mir-rikorrent illum appellat, li t-Tribunal iddeċieda li d-decizjoni tal-Awtorità intimata kienet waħda żbaljata.

10. Huwa ċar li t-Tribunal <u>fl-ebda waqt</u> ma bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-ipoteżi li l-*bellow* tqattgħat bix-xlief jew bil-ħuxlief. Għalhekk, safejn l-Awtorità appellanti tissofferma ruħha tilmenta fuq dan il-punt, l-aggravju tagħha ma jirnexxix.

11. Fil-fatt, it-Tribunal ikkonkluda illi *'kif inqasmet il-bellow mhuwiex daqshekk ċar peró sa ċertu punt huwa rrilevanti'* għaliex irrispettivament mir-raġuni speċifika għalfejn inqasment l-imsemmija *bellow*, mir-ritratti in atti jirriżulta li l-*bellow* ma kinitx ilha li tqattgħat. It-Tribunal ikkonkluda li tenut kont tat-trapass ta' żmien bejn il-*VRT test* u l-*post VRT inspection*, il-ħsarat riskontrati mill-uffiċjali tal-Awtorità intimata setgħu saru fil-frattemp u għalhekk ma kienx hemm ċertezza li dak li rriżultalha kien imputabbli unikament lir-rikorrent.

12. Dwar dan l-aspett l-Awtorità appellanti tilmenta li t-Tribunal uża riga żbaljata għaliex, hekk kif deċiż mill-istess Tribunal diversament kompost f' kawża oħra, l-oneru tal-prova kien fuq ir-rikorrent u mhux fuqha.

13. Fil-każ numru 31/10 fl-ismijiet ***Jesmond Pulis pro et noe vs Awtorità għat-Trasport f'Malta***, deċiż mit-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fil-11 ta' Mejju 2015 ingħad kif ġej:

*'Ma hemmx dubju li l-oneru tal-prova ta' x'kienet is-sitwazzjoni reali dakinhar tal-VRT test u ta' x'effettivament gara bejn il-VRT test u l-post VRT inspection jinkombi fuq ir-Rikorrent proprio et nomine, oneru però li fil-kaz in ezami ma giex sodisfatt.'*

14. Dwar il-piż tal-prova jinsab imtenni fil-ġurisprudenza illi:

*'Jibda biex jigi registrat bi principju generali tad-dritt processwali civili illi l-oneru tal-prova jinkombi fuq dak fost il-kontendenti li jallega fatt migjub 'il quddiem b'fondament tat-talba jew ta' l-eccezzjoni. Proprju, fid-distribuzzjoni tal-piz tal-prova tali jsib espressjoni fir-regoli tradizzjonali onus probandi incumbit ei qui dicit u reus excipiendo fit actor. Fil-kaz ta' l-ewwel hu doveruz, b'esigenza logika hafna, illi l-attur li jazzjona hu karikat bil-piz li jipprova l-bazi tad-dritt azzjonat. Fil-kaz tat-tieni, il-konvenut hu mghobbi bl-oneru li jipprova l-eccezzjoni kontrapposta ghall-pretiza ta' l-attur avversarju. B' illustrazzjoni, wiehed jista' jirreferi ghal kaz fejn sid ta' fond mikri jallega destinazzjoni partikolari ta' fond mentri l-kerrej tieghu jallega skop u uzu xort' ohra. F'kaz bhal dan, kif ritenut mill-Qorti ta' l-Appell, l-inkwilin allega fatt pozittiv kuntrarju ghall-uzu effettiv tal-fond u, allura, "ghax reus in excipiendo fit actor il-fatt minnu allegat jikkostitwixxi l-kontroprova minnu offert u dan ghandu jigi provat minnu" ("**Francesca Mallia –vs- Salvatore Guillaumier**", 12 ta' Jannar, 1962)*[3]

15. Ir-rikors promutur kien ibbażat fuq il-premessa li n-nuqqas ravviżat mill-Awtorità intimata fil-*post VRT inspection* kien kawżat minn fatturi esterni u mhux per konsegwenza ta' *wear and tear* u li l-istess ma kienx preżenti meta sar it-*test* tal-VRT fit-8 ta' Mejju 2013. Il-provi mressqa mir-rikorrent illum appellat in sostenn ta' dan huma:

- ix-xhieda tiegħu stess fejn jgħid li meta għamel it-*test* tal-*VRT* fuq il-vettura in kwistjoni, irriżulta tajjeb u għalhekk għaddiet. Sussegwentement ċemplulu mill-Awtorità intimata u nfurmawh li għamlu *post VRT inspection* fuq l-istess vettura u sabu *rubber booth* imqatta'. Il-ħsara ra hu stess ftit tal-ħin wara għaliex sid il-vettura reġa' mar għandu bil-vann in kwisjtoni. Qal li meta qala' l-*part* minn postha sab xlief tas-sajd mgħaqqad fiha u kien probbabilment għalhekk li tqattgħat. Xehed ukoll li kienet għadha mimlija *grease* li jfisser li kien għadha kemm tqattgħat jew ma kienx ilu żmien twil li tqattgħat għax il-funzjoni tagħha hija proprju li żżomm il-*grease* biex ma jidħolx il-ħmieġ ġewwa. In kontro-eżami qal iżda li meta fetaħ il-*part* sab ħaxix u ħuxlief u kellu '*wire imqabbad ġewwa*'. Tenna iżda li l-vann jintuża f'għalqa u l-*bellow* seta' tqatta b'ħafna affarijiet;

---

[3] ***Alphonse Pace vs Kummissarju tat-Taxxi Interni***, deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Mejju, 200.

- Michael Pace, sid il-vettura in kwistjoni, xehed li l-vann in kwistjoni kellu biss tlieta u ħamsin elf kilometru, jinżamm dejjem ġewwa u jagħmillu *service* regolarment. Kien jużah biex imur l-għalqa u jibqa dieħel bih. Qal ukoll li meta ħadu lura għand ir-rikorrent wara li saret l-*inspection* mill-uffiċjali tal-intimata rriżulta li l-*grease* kien għadu kollu mas-*shaft* u li sabu anké ħuxlief mal-*grease.* In kontro-eżami kkonferma ukoll li l-vann għandu għoxrin sena;

- Daniel Cutajar, ħu r-rikorrent, li kkonferma li assista lir-rikorrent meta sar it-*test* in kwistjoni u li l-*part* li nstabet imqatta' hija sempliċement cover tal-plastik li faċilment titqatta jekk tolqot xi ħaġa meta tkun qed issuq. Ikkonferma li meta hu u ħuħ reġgħu spezzjonaw il-vettura wara l-*post VRT inspection* sabu xlief imdawwar mal-*part* in kwistjoni, iċċartet parti minnha u beda ħiereġ il-*grease* li kien għadu fil-maġġior parti mal-*bellow*. Il-*grease* kien għadu frisk u ma kienx fih tajn. Xehed ukoll li ma kien hemm l-ebda ħsara fix-*shaft*, liema ħsara kienet issir kieku tħalliet ħafna mingħajr il-*cover* in kwistjoni.

16. Da parti tagħha l-Awtorità intimata *inter alia* wieġbet li mil-lat tekniku ma kienx fattibbli li l-*bellow* tqattgħat bejn it-8 ta' Mejju 2013, meta sart it-*test* tal-*VRT* u l-15 ta' Mejju 2013 meta saret l-ispezzjoni da parti tal-uffiċjali tagħha. Dan ġie kkonfermat bil-ġurament mill-uffiċjali tagħha li lkoll xehdu li l-*bellow* ma jitqattax b' ħuxlief. Fl-affidavits xehedu li l-*bellow* hu ħafna iktar reżistenti minn hekk għaliex huwa magħmul minn lastiku oħxon madwar 4 millimetri u fl-istess ħin flessibbli minħabba l-movimenti tal-*isteering,* liema proprjetà tintilef meta jiqdiem. Ilkoll ikkonfermaw li l-*bellow* in kwistjoni kien tqatta' bl-użu, ċioé, bil-*wear and tear.* Madanakollu, in kontro-eżami rriżulta li:

- meta raw il-*bellow* imqatta' ma tellgħux il-vann fuq *jack* u ma għamlu l-ebda verifika ulterjuri sabiex jiċċekkjaw għaliex kienet tqattgħat. Skonthom kien jidher ċar li l-*bellow* kienet spiċċat biż-żmien, '*kienet kollha krackjata anké fejn ma kinitx imqatta";*

- il-*bellow* tan-naħa tax-xellug biss kien imqatta'. Il-*bellow* tan-naħa tal-lemin ma kienx imqatta' għalkemm huwa teknikament possibbli li waħda kienet inbidlet u l-oħra le.

17. Kunsidrat l-assjem ta' dawn il-fatti, din il-Qorti hija tal-fehma li:-

- it-teżi tal-appellant, ċioé li l-*bellow* tqattgħat b'ħuxlief jew xlief, hija inverosimili u li x-xhieda tar-rikorrent fir-rigward hija konfużjonarja u kontradittorja;
- mix-xhieda ta' sid il-vettura ma rriżulta l-ebda inċident partikolari li seta' ta' lok għall-ħsara inkwisjoni; u
- bla dubju, il-*bellow* in kwisjoni kellha element ta' *wear and tear.*

18. Iżda mhux kull *wear and tear* jagħti lok għal *rejection* mit-*test* tal-*VRT*. Skont il-*VRT Manual*[4] '*reason for rejection*' tinkludi '*a constant velocity joint gaiter missing or excessively damaged, deteriorated or insecure* ***to the extent that it would no longer prevent the ingress of dirt etc.***' Minn din id-diċitura din il-Qorti tifhem li biex vettura ma tgħaddix minn dan it-test il-*part* in kwisjoni trid tkun *damaged* jew *deteriorated* sal-punt illi ma tibqax taqdi l-funzjoni tagħha, ossija, meta ma twaqqafx il-ħmieġ milli jidħol.

19. Fil-każ odjern ma kien hemm ebda '*ingress of dirt*' u madwar il-*bellow* kien għadu miksi *grease*. Isegwi minn dan illi l-probabbiltà hija li meta sar il-*VRT test* mir-rikorrent, il-vettura in kwistjoni kienet konformi mal-VRT manual, u li l-*bellow* in kwisjoni tqattgħat fit-trapass ta' żmien bejn il-*VRT test* u l-*post VRT inspection* li saret sebat ijiem wara.

20. Din il-Qorti hija għalhekk sodisfatta li abbażi tal-provi prodotti, it-Tribunal seta' jikkonkludi li, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Awtorità appellanti, li r-rikorrent ma kellux jiġi ppenalizzat għall-ħsarat ravviżati fil-*post VRT inspection* relattiva għall-każ in diżamina.

21. Wieħed irid jiftakar ukoll li fuq it-Tribunal tippresjedi wkoll persuna teknika. It-Tribunal qal:

> *"Fil-kaz odjern il-VRT sar fit-8 ta' Mejju 2013 u l-post VRT sar fil-15 ta' Mejju 2013. F'dak it-trapass ta' sebat (7) ijiem huwa possibbli li l-bellow inqasmet u beda hiereg il-grease. Illi huwa veru li kif inqasmet il-bellow mhuwiex daqshekk car pero` sa certu punt huwa rrilevanti. Dak li jrid jara dan it-Tribunal huwa jekk setghax kien possibbli o meno li l-istess bellow inqasmet fi zmien sebat (7) ijiem minn meta sar il-VRT.* ***Illi, a kuntrarju ta' dak sottomess mill-ufficjali tal-Awtorita` intimata, ir-ritratti mehuda wara l-post VRT jindikaw li l-bellow ma kinitx ilha li nqasmet tant li kien ghad hemm il-grease maghha. Li kieku kienet ilha li nqasmet kienet tigi kulur il-partijiet l-ohra tal-qiegh tal-vettura, u anke, possibilment, il-vettura kienet issirlha hsara peress li seta' jidhol fiha gebel u materjal iehor mit- triq.***

---
[4] Fol. 64.

***Illi ghaldaqstant, in vista tal-indikazzjonijiet kollha illi l-bellow ma kinitx ilha li nqasmet u in vista li l-post VRT ma sarx tempestivament izda sebat (7) ijiem wara li l-vettura giet spezzjonata mir-rikorrent,*** *dan it-Tribunal ihoss li d-decizjoni tal-Awtorita` intimata kienet wahda zbaljata u ghaldaqstant timmerita li tigi revokata".*

22. Fil-fehma tal-qorti m'hemmx provi li jistgħu jwassluha biex tikkonkludi li mill-aspett tekniku, ir-raġunament tat-Tribunal hu manifestament żbaljat.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti tiċħad l-appell, bl-ispejjeż kontra l-Awtorita' appellanti.**

Anthony Ellul.